MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 492/2006

**L-Avukat Dottor Nikolai Vella Falzan**
**bhala Mandatorju Specjali tas-Socjeta' Estera**
**IP Internationale Projekt GmbH ta'**
**Martinistrasse 60, Q-28195, Germanja**

**vs**

**Global Village English Centre (Malta) Limited (C8331)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat ir-Rikors Mahluf ta' l-Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon;

Rat ir-risposta ta' Global Village English Centre (Malta) Limited (C8331) a fol. 15;
Rat id-digriet a fol. 54 li bih gew allegat l-atti tal-kawza 830/03 TM fl-ismijiet Global Village vs Dr. Martin Fenech et deciza fil-5 ta' Dicembru 2003;
Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw.

**Talba**

Illi r-ritrattandi qed jitolbu li dina l-Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija fil-5 ta' Dicembru 2003 fl-ismijiet Global Village English Centre (Malta) Limited vs Dr. Martin Fenech et, u tordna r-ritrattazzjoni taghha a tenur ta' l-artikolu 881(a), 811(b) u 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ir-ritrattati wiegbu li:**

- It-talba hija rrita u nulla ghax ma saritx fit-terminu previst mill-artikolu 818(1)(a) tal-Kap. 12; (tlett xhur mill-gurnata li fiha jinkixef il-qerq);
- It-talba a bazi ta' l-artikolu 881(b) hija rrita u nulla ghax ma saritx fit-terminu previst mill-artikolu 818(1)(b) tal-Kap. 12 (tlett xhur mill-gurnata li fiha l-attur ikun sar jaf bis-sentenza);
- It-talba a bazi ta' l-artikolu 881(l) hija rrita u nulla ghax ma saritx fit-terminu previst mill-artikolu 818(1)(d) tal-Kap. 12 (tlett xhur minn dak in-nhar tas-sentenza attakkata);
- Fil-mertu s-sentenza li dwarha qed tintalab ir-ritrattazzjoni ma ttiehdetx b'qerq, l-atti kienu gew debitament notifikati, u s-sentenza ma kienitx l-effett ta' xi zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

Illi s-socjeta' rittratta kienet ipprezentat kawza kontra r-ritrattandi (kif rapprezentati minn kuraturi nominati ex officio) ghall-hlas tas-somma ta' Lm 10,076.13 ghal diversi

servizzi moghtija mill-kumpanija ritrattata flimkien ma' spejjez relatati.

B'sentenza tal-5 ta' Dicembru 2003 dina l-Qorti diversament presjeduta kienet laqghet it-talba fil-kontumacja tas-socjeta' ritrattandi.

**Kontestazzjoni**

Illi skond is-socjeta ritrattandi hi pprezentat dina l-kawza ghar-revoka u ritrattazzjoni tas-sentenza fuq imsemmija billi qabel giet prezentata l-kawza msemmija s-socjeta ritrattata kienet talbet in-nomina ta' kuraturi deputati biex jirrapprezentaw is-socjeta ritrattandi. Inhargu l-bandi u gie notifikat Dr. Godfrey Gauci Maistre bhala is-*suppost* konsulent taghha. Billi Dr. Gauci Maistre m'accettax il-kurazija u ma accettax haddiehor, gew nominati kuraturi mill-Qorti. Ir-ritrattandi jsostnu li l-kuraturi qatt ma infurmaw lis-socjeta ritrattandi bil-kawza nonostante li r-ritrattati kienu jafu bl-indirizz tas-socjeta ritrattandi. Il-kuraturi lanqas biss ipprezentaw nota' ta' eccezzjonijiet u s-socjeta ritrattandi baqghet kontumaci. Is-socjeta ritrattandi saret taf biss b'dina s-sentenza meta r-ritrattati pprovaw jottjenu l-esekuzzjoni taghha fil-Germanja fl-ahhar gimgha ta' April 2006.

Ghalhekk is-socjeta ritrattandi qed tikkontendi li:

- Il-hrug tal-bandu ghall-kuraturi huwa null bi ksur ta' l-artikolu 930(1) tal-Kap. 12 billi Dr. Gauci Maistre qatt ma kellux x'jaqsam mas-socjeta ritrattandi u s-socjeta ritrattata kienet taf bl-indirizz taghha u kienet ilha zmien tikkorrispondi maghha.

- Is-socjeta ritrattandi qatt ma giet infurmata mill-kuraturi bil-kawza bi ksur ta' l-artikolu 936 tal-Kap. 12 u l-kuraturi lanqas biss ipprezentaw eccezzjonijiet ghalhekk is-socjeta ritrattandi spiccat kontumaci.

- Is-sentenza hija nulla billi giet ottenuta bi frodi kif ukoll minghajr hi ma giet notifikata skond il-ligi bi ksur

tal-principji naturali tad-dritt. Inoltre x-xhieda moghtija mill-kumpanija ritrattata f'dik il-kawza mhiex veritjera u lanqas ma hi kompluta.

Min-naha l-ohra r-ritrattati ssottomettew li s-socjeta rittrattandi kienet giet debitament notifikata u baqghet kontumaci. Wara s-sentenza kienet intbghatet ittra interpellatorja bil-fax u bil-posta ghall-hlas kif jirrizulta mid-Dok. A a fol. 19. Inoltre s-socjeta ritrattata dejjem uriet u indikat l-indirizzi fizici u elettronici oltre ghan-numri ta' kuntatt tas-socejta' rittrattandi. (ara ittra ufficjali a fol. 25).

**FATTI**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li r-ritrattati kienu talbu lill-ritrattandi biex ihallsu xi kont li kien hemm pendenti. Ir-ritrattandi ma kienux qablu li kien hemm xi somma dovuta minnhom. Kellu jzamm inkontru bejn Dr. Sansone ghar-ritrattati u Dr. G. Gauci Maistre ghar-ritrattandi fuq dina l-kwistjoni izda dana l-meeting ma nzammx. Ir-ritrattati ghalhekk ipprezentaw ittra ufficjali (ara fol. 25) kontra r-ritrattandi u ghamlu talba ghall-hrug tal-bandi biex jigu nominati kuraturi biex jirrappresentaw lir-ritrattandi u saret notifika lill-Dr. Gauci Maistre, billi skond ir-ritrattati huma kellhom informazzjoni li dan kien qed jirrapprezenta lir-ritrattandi u kien anke avvicina lill Dr. Sansone bhala tali. Dr. Gauci Maistre gie notifikat fil-11 ta' Gunju 2003 (ara fol. 34) u izda hu m'accettax il-bandu billi kif xehed, hu ma kellux kommunikazzjoni mar-ritrattandi. Ghalhekk gew nominati kuraturi ex officio. Billi r-ritrattandi ma kienux effettwah il-hlas mitlub, saret kawza kontra l-kuraturi gja nominati. Il-kawza gie appuntata ghall-5 ta' Dicembru 2003 izda l-kuraturi, li kienu gew debitament notifikati personalment fit-28 ta' Ottubru 2003, naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u lanqas ma kkomunikaw mar-ritrattandi, u ghalhekk inghatat sentenza dak in-nhar stess fil-kontumacja tar-ritrattandi. Ir-ritrattanti wara saru jafu b'dika s-sentenza meta r-

ritrattati ipprovaw jesegwixxu s-sentenza gewwa l-Germanja.

**Nullita' ta' l-azzjoni**

Fl-ewwel tlett eccezzjonijiet preliminari r-ritrattati qed jikkontendu li l-azzjoni hija nulla billi ma saritx fit-terminu prevvist mill-ligi.

Illi, kemm min-noti tal-partijiet kif ukoll fit-trattazzjoni orali tad-difensuri dina l-eccezzjoni ma tissemmiex u r-ritrattati bl-ebda mod ma ssostanzjaw l-eccezzjoni izda billi l-eccezzjoni ma gietx irtirata l-Qorti sejra tikkunsidraha.

Jirrizulta mill-provi li skond ir-ritrattandi huma saru jafu bil-kawza fil-21 ta' April 2006 meta r-ritrattati pprovaw jesegwixxu s-sentenza tal-5 ta' Dicembru 2003 gewwa l-Germanja. Imbaghad huma pprezentaw il-kawza odjerna ghar-ritrattazzjoni fit-30 ta' Mejju 2006. Jidher ghalhekk li l-azzjoni saret entro t-terminu ta' tlett xhur fir-rigward ta' l-artikolu 818(1)(a) u (b) izda mhux fir-rigward tas-sub-inciz (d) billi t-terminu kien gja ghadda, cjoe' t-tlett xhur mis-sentenza. Ghalhekk fir-rigward ta' l-artikolu 811(a) u (b) l-azzjoni saret fit-terminu. Barra minn hekk il-Qorti tirrileva li n-nullita' li giet eccepita mir-ritrattati mhiex wahda li taqa' taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 789 tal-Kap. 12.

**Kontumacja tar-ritrattandi**

Il-Qorti se tibda biex tezamina l-ilment tar-ritrattandi taht is-sub-inciz (b) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12, li hu l-ilment principali taghhom. Dan l-artikolu jipprovvdi li l-kawza tista' tigi ritrattata jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet notifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet notifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza.

F'dan il-kaz il-Qorti trid tezamina jekk effettivament ir-ritrattandi kienux gew notifikati bil-kawza li giet deciza kontra taghhom. Ir-ritrattandi qed isostnu li n-notifika bil-

bandu lill Dr. Gauci Maistre kienet nulla, u li huma ma gewx notifikati bil-kawza mill-kuraturi nominati ex officio.

Ir-ritrattati kienu talbu n-nomina ta’ kuraturi biex jirrapprezentaw lir-ritrattandi billi dawn kienu assenti minn Malta. Huma nnotifikaw bil-bandu lill-Dr. G. Gauci Maistre, li kien ghal xi zmien qed jidher ghar-ritrattandi izda fil-fatt dana qatt ma accetta l-bandu billi ma kellux kommunikazzjoni (wiehed jifhem struzzjonijiet) minghand ir-ritrattandi.

Fid-disposizzjonijiet taht it-Titolu XI (“Fuq il-Kuraturi”) tal-Kapitolu 12 insibu mfassla l-procedura ghall-hatra ta’ kuraturi “fl-interess ta’ nies assenti” bhal ma kienu r-ritrattandi f’dana l-kaz [Artikolu 929 (a)] jew “fl-interess ta’ kull socjeta` kummercjali jew organizzazzjoni jew ghaqda jekk ir-rapprezentanti taghha jkun assenti minn Malta jew jekk ebda persuna jew persuni kif imsemmija jew bizzejjed persuni ma jkunu moghtija dik ir-rapprezentanza” [Artikolu 929(d)]. F’ kaz bhal dan, jista’ jissucciedi li wara l-bandi tidher persuna li toffri ruhha li taccetta l-hatra ta’ kuratur (Artikolu 933) jew jekk l-ebda persuna bhal dan ma jidher zmien sitt ijiem, bhal ma gara f’dan il-kaz, il-Qorti tghaddi biex tahtar, avukat jew prokuratur legali, (Artikolu 941).

Fil-kaz gew nominati Dr. Martin Fenech u l-P.L. Liliana Buhagiar biex jirrapprezentaw lir-ritrattandi, izda ghal xi raguni dawn ma pprezentaw ebda nota ta’ eccezzjonijiet u lanqas ma kkomunikaw mar-ritrattandi ghalhekk il-Qorti fil-kontumacja tar-ritrattandi ddecidiet il-kawza kontra taghhom. Kuraturi jigu nominati skond il-Kap. 12 appuntu biex jirrapprezentaw persuni li jkun assenti. Id-dmirijiet tal-kuraturi huma elenkati fil-Kap. 12: Fl-artikolu 936 (1) hemm iprovvdut li:

(1) Il-kuraturi ghandhom jaghmlu l-hila taghhom kollha ghad-difiza ta’ l-interessi li ghalihom ikunu jidhru. Id-dmirijiet tal-kuraturi ghandhom jinkludu:

(*a*) li jinvestigaw sewwa dwar il-jeddijiet tal-persuni li jirrapprezentaw u li jidentifikaw dawn il-jeddijiet;

(*b*) li jiehdu l-mizuri kollha mehtiega biex jittutelaw il-jeddijiet imsemmija qabel;

(c) li jikkuntattjaw minnufih lill-persuna jew persuni li jkunu qed jirrapprezentaw, jekk l-indirizz ikun maghruf, u jekk mhux maghruf ghandhom jaghmlu dak kollu li jistghu jaghmlu biex isiru jafu l-indirizzi taghhom, maghduda l-pubblikazzjoni bl-awtorità tal-Qorti ta’ avviz f’gazzetta tal-lokal fejn l-ahhar kien maghruf jew kienu maghrufin;

(*d*) li jgharrfu lill-persuna jew persuni li jkunu qed jirrapprezentaw b’kull att gudizzjarju u x’ikun fih;

(*e*) li jiksbu t-taghrif kollu mehtieg sabiex jiddefendu kull interess tal-persuna jew persuni li jkunu jirrapprezentaw;

…

(*g*) li jzommu lill-Qorti regolarment mgharrfa b’kull azzjoni mehuda fit-twettiq tad-dmirijiet taghhom.

(2) Il-kuraturi ghandhom iwiegbu ghal kull danni u imghaxijiet li jista’ jkun hemm minhabba t-traskuragni taghhom.

Fil-kaz in ispecie ma jirrizultax li saret xi forma ta’ komunika mill-kuraturi mar-ritrattandi biex jinfurmawhom bil-kawza ghalkemm l-informazzjoni necessarja kienet disponibbli ghalihom. Lanqas biss ipprezentaw nota’ ta’ eccezzjoniiet.

Jidher ukoll li r-ritrattati kienu anke kkomunikaw mar-ritrattandi wara s-sentenza permezz ta’ ittra mibghuta minn Dr. Sansone personalment bil-fax u bil-posta. Meta xehed Heinz Giese fuq dina l-ittra hu qal li*: We can not confirm or deny having received the mentioned fax given that the fax number in the transmission report is correct*”, imbaghad pero izid ighid li din setghet intbaghtet f’peak season, u setghet kienet tirreferi ghal xi korrispondenza ohra jew inkellha l-fax ma twasslitx lilhom mill-impjegati.

F'dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti tikkonkludi li effettivament ir-ritrattandi kienu gew debitament rapprezentati fil-kawza permezz tal-hatra u notifika tal-kuraturi. Il-fatt li l-kuraturi ma rrispondewx it-talba tar-ritrattati u ma nfurmawx lir-ritrattandi bil-kawza ma jnehhi xejn mill-fatt li r-ritrattandi kienu gew notifikati. Il-Qorti ma tirravvisa ebda nullita' fil-mod kif gew nominati l-kuraturi billi giet segwita l-procedura kif suppost skond il-ligi kif gja spjegat. Ir-ritrattati m'ghandhomx iwiegbu ghan-nuqqas tal-kuraturi u jekk ir-ritrattandi ghandhom xi riklam kontra l-kuraturi dana m'ghandux jeffettwa r-ritrattati.

Lanqas ma jirrizulta li f'dan il-kaz inkiser id-dritt ta' l-audi alteram partem. Hemm differenza bejn il-kaz fejn ma jinstemghux il-provi tal-konvenut minhabba cahda tad-debita opportunita` tas-smigh ta' provi legittimi offerti minnu jew meta l-proceduri nizjati kontra tieghu jigu prosegwiti minghajr ma jkun notifikat bihom u ad insaputa tieghu, u bejn il-kaz fejn, minhabba n-nuqqas tieghu stess jew ta' min qieghed legalment jipprezentah, jibqa' ma jgibx 'l quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu l-opportunita` li jgibhom.

Illi ghalhekk il-Qorti ma tarax ukoll li hemm lok li l-kawza tigi ritrattata taht is-sub-inciz (b) tal-Kap. 811 billi r-ritrattati kienu gew debitament notifikati permezz ta' kuraturi validament nominati u ghalhekk is-sentenza tal-5 ta' Dicembru 2003 ma ttiehdietx b'qerq taht is-sub-artikolu 811(a) tal-Kap. 12.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------